VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,489, 27 ta' Ottubru, 2015
Taqsima B

A.L. 349 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 65 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafi (5) u (6) li ġejjin għandhom jizdiedu wara l-paragrafu (4) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"(5) Skont id-disponibbiltà tar-riżorsi, il-Bord għandu jiddetermina n-numru ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw f'oqsma partikolari ta' studju. Għal oqsma fejn ir-reġistrazzjoni tal-istudenti hija limitata, il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli, u l-kriterji għall-għażla tal-applikanti fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(6) Għall-iskop tal-għażla, l-applikanti li l-kwalifiki tagħhom, kif stipulat fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, kienu miksuba sal-31 ta' Awwissu qabel il-bidu tal-Kors għandhom jitqiesu l-ewwel."